MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1223/1997/1

**Emanuel Chircop f'ismu proprju u kif ukoll bhala Direttur
tas-socjeta' Continental Postform Limited, u
b'digriet tal-24 ta' Mejju 2012
l-atti tal-kawza gew trasfuzi fl-ismijiet ta'
Claudette Debrincat u Michelle Galea
bhala l-eredi universali tad-defunt Emanuel Chircop u
kif ukoll f'isem Maria Rosaria sive Mary Rose Chircop
ghal kull interess li jista' jkollha u dan wara l-mewt
tal-attur Emanuel Chircop fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Carmel sive Charles Busuttil u s-socjeta' Continental Postform Ltd, u
b'nota tal-15 ta' Marzu 2002
Raymond Gatt assuma l-atti tal-kawza fil-kapacita tieghu
ta' stralcjarju tas-socjeta' Continental Postform Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att promotur tal-attur tat-30 ta’ Mejju 1997 li jghid hekk:

Premess illi l-attur huwa azzjonist, fi kwota ta' hamsin fil-mija (50%) fis-socjeta konvenuta mentri l-konvenut Busuttil jipposjedi l-kwota ta' hamsin fil-mija (50%) fl-istess socjeta, liema ishma huma mahruga, mehuda u imhallsa fl-intier taghhom fil-kwoti msemmija;

Premess illi kemm l-attur Chircop u kif ukoll il-konvenut Busuttil huma t-tnejn diretturi fl-istess socjeta u l-amministrazzjoni tas-socjeta konvenuta kienet tinvesti fihom it-tnejn u dan skond l-istess statut tas-socjeta in kwistjoni;

Premess illi l-prattika stabbilita bejn l-attur Chircop u l-konvenut Busuttil kienet illi meta wiehed kien jaghmel u jikkostitwixxi xoghol ghall-avvanz tas-socjeta dan tal-ahhar, inter alia kellu fdata lilu l-gestjoni finazjarja tas-socjeta in kwistjoni;

Premess illi l-attur Chilcop irrikkorewlu cirkostanzi fejn tawh gustament x'jifhem li kwantu jirrigwarda l-gestjoni finanzjarja tas-socjeta, kien hemm xi skorrettezzi u nuqqasijiet li jippregudikawh kemm personalment u anke lis-socjeta;

Premess illi ghalhekk gew inkarigati awdituri biex jaghmlu indagini biex jigi stabbilit jekk prima facie kienx jirrizulta li hemm "cash variances" mill-kontijiet tas-socjeta kif mizmuma mill-konvenut Busuttil;

Premess illi fil-fatt ir-rapport tal-persuni inkarigati kkonferma s-suspetti li kellu l-attur Chircop u rrileva li di fatti kien hemm “cash variances” li jridu jigu spjegati u l-konvenut Busuttil baqa’ ma tax spjegazzjoni sodisfacenti;

Premess illi dawn il-“cash variances” huwa responsabbli ghalihom kemm bhala direttur u kif ukoll personalment il-

konvenut Busuttil u dan frott tal-gestjoni hazina tieghu u/jew minhabba agir frawdolenti tal-finanzi tas-socjeta;

Premess illi ghalhekk il-konvenut Busuttil huwa tenut jirrifondi kull flejjes minnu approprijati indebitament kif fuq inghad jew li jaghmel tajjeb ghalihom f'kaz ta' amministrazzjoni negligenti u traskurata u dan a benficcju kemm tas-socjeta u kif ukoll tal-attur personalment u dan anke in linea ta' danni sofferti mill-attur bhala azzjonista fis-socjeta konvenuta;

Premess illi ghalhekk jehtieg li jigu likwidati s-somom u kapital li hemm nieqsa kif fuq inghad.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija prevja kull dikjarazzjoni opposta li l-konvenut Busuttil kien traskurat, negligenti u/jew frawdolenti fil-gestjoni tas-socjeta attrici:-

1. tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghal kull "cash variance" fejn jirrizultaw flejjes nieqsa fil-kontijiet tas-socjeta konvenuta;

2. tordna l-hatra ta' periti nominandi biex jistabilixxu u jillikwidaw l-ammont ta' "cash variance" u flejjes neqsin mill-kontijiet tas-socjeta; u

3. tikkundanna lill-istess konvenut Busuttil jirrifondi lis-socjeta konvenuta u ghalhekk ukoll a beneficcju mal-attur Chircop, is-somma hekk likwidata biex tifforma parti mill-attiv tal-istess socjeta bis-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet kummercjali sal-gurnata tal-hlas u rifuzjoni effettiva;

bl-ispejjez tal-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet li tghid hekk:

Fl-ewwel lok in-nuqqas ta' integrita ta' gudizzju minhabba l-assenza tal-mara tal-attur fil-gudizzju;

Fit-tieni lok il-preskrizzjoni kwinkwennali ghat- tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili kif ukoll dik ta' sentejn ghat-tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Fit-tielet lok il-kwalifika tal-attur bhala direttur ta' Continental Postform Ltd hija insostenibbli u dan billi jew l-attur qieghed jaghmel il-kawza fl-interess tas-socjeta jew le; illi huwa evidenti mill-atti li l-kawza ma hix qiegheda issir fl-interess tas-socjeta stante li din giet mharka bhala konvenuta, u persuna ma tistax tkun konvenuta u attrici fl-istess hin u f'dan is-sens l-azzjoni tal-attur hija irrita u nulla;

Fir-raba lok, l-attur, bhala azzjonist ma ghandux interess jipproponi dina l-azzjoni billi l-interess guridiku jispetta lis-socjeta konvenuta;

Fil-hames lok li l-azzjoni hija konsegwentement irritwali anke ghaliex ma tistax tigi proposta fil-forma li qiegheda issir imma semmai l-attur messu esercita r-rimedji opportuni taht il-ligi li tirregola s-socjetajiet;

Fis-sitt lok li ghall-azzjoni intentata mill-attur josta l-approvazzjoni tal-kontijiet tas-socjeta fil-laqghat generali tas-socjeta u l-konvenut ma huwa obbligat jaghti l-ebda rendikont iehor hlief permezz tal-kontijiet tal-istess socjeta;

Fis-seba’ lok illi l-azzjoni tal-attur hija infondata fid-dritt u l-attur ma ghandux fil-ligi r-rimedju li qieghed jipprova jesperixxi;

Fit-tmien lok illi l-konvenut dejjem ta' rendikont shih u fidil tal-gestjoni kollha tieghu, liema gestjoni dejjem saret bil-partecipazzjoni u flimkien u skond regoli determinati bejn iz-zewg socji;

Fil-mertu li l-azzjoni intentat mill-attur hija infondata fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda 'cash variances' kif pretizi mill-attur fil-gestjoni tas-socjeta konvenuta, u ma kien hemm xejn irregolari u l-ebda nuqqas f'dak li ghamel il-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti, u r-rapporti teknici, semghet id-difensuri, u rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-atturi;

Rat li l-kawza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti trid qabel xejn tikkunsidra n-natura tal-kawza promossa billi l-att promotur ma hux car f'dan ir-rispett u l-Qorti ghandha ghalhekk id-dmir li tfittex x'tip ta' azzjoni qed tigi promossa ghax altrimenti ebda konkluzjoni matura u serja ma tistax ssir.

Jidher car mit-talbiet attrici illi l-azzjoni giet diretta minn wiehed mill-azzjonisti u diretturi tas-socjeta Continental Postform Limited kontra d-direttur l-iehor u azzjonist tal-istess socjeta u dan ghal flus indebitatament mehuda mill-istess konvenut a dannu tas-socjeta u ghalhekk a dannu tal-istess attur.

Il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-konvenut illi qua direttur l-attur ma jistax jazzjona direttur iehor u l-istess kumpanija li taghha hu l-mandatarju qua direttur ghax ma hemm xejn fil-ligi tal-kumpaniji li tippermetti tali azzjoni. Hi l-kumpanija li ghandha jeddijiet fil-konfront tad-diretturi li jirraprezentawha u jagixxu f'isimha u mhux vice versa.

L-azzjoni derivattiva applikabbli tohrog mill-artikolu 402 tal-Kap. 386 li taghti dritt lil-membru ta' kumpanija li jfittex il-protezzjoni tal-Qorti jekk in-negozju tal-kumpanija qed jew ser jew jista' jitmexxa kontra l-interessi tal-membri tal-kumpanija. Dan l-artikolu jitkellem biss dwar membri cioe azzjonisti u mhux diretturi li huma ufficjali tal-kumpaniji ghalkemm bhal f'dan il-kaz jistghu jkunu membri.

Applikat dan kollu ghal kaz in ezami jidher illi s-socjeta Continental Postform Limited giet registrata bhala kumpanija fit-28 ta' Jannar 1992 u ghalkemm l-atturi u l-konvenut fil-vesti personali taghhom kienu gia jiggestixxu

operazzjoni simili pero zgur mhux taht il-kappa ta’ socjeta kummercjali registrata fl-MFSA. Il-kawza hi fondata fuq wrongdoing ta’ diretturi fil-gestjoni tan-negozju kummercjali ta-socjeta Continental Postform limited. Qari tal-premessi u talbiet, li ghalkemm ma jikkontjenu ebda dati, pero jirrerferu esklussivament ghal gestjoni fi hdan Continental Postform Limited li a fol. 65 tal-process jirrizulta li giet likwidata fl-1999 ghalkemm waqfet topera fl-1997.

Hi l-fehma tal-Qorti li ghandha tintrabat ma dak mitlub u ma tipekkax billi taghmel ezami ta’ fatti jew fatturi li jistghu jkunu ultra jew extra petitta.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-azzjoni tista’ tigi inkwadrata taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 fejn azzjonist qed ifittex direttur ghal nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-kumpanija li waslu ghal telf ghal kumpanija u indirettament ghall-attur qua azzjonist tal-istess kumpanija. F’dan is-sens it-talba tal-attur qua direttur ma tistax tintlaqa’ izda biss bhala azzjonist cioe f’ismu proprju.

Kif intqal fil-kawza **Gordon Mizzi et vs Dr. John C. Grech et** (App 29.04/2008), id-dritt ta’ azzjoni jiskatta fil-kaz meta l-azzjonista jkun garrab telf distint minn dak soffert mis-socjeta, u dana minhabba l-agir tad-diretturi. Dan id-dritt ta’ azzjoni jinghata biss f’cirkostanzi eccezzjonali ghax imur kontra r-regola stabbilita fil-kaz **Foss v. Harbottle**.

L-azzjoni kif maghmula hi proponibbli billi skond l-artikolu 136A tal-Kap. 381 direttur ghandu jagixxi b’onesta u b’buona fede fl-interess tal-kumpanija. Dawn id-doveri jikkorrispondu ghad-dover ta’ lealta lejn il-kumpanija u uzu ta’ kura u abilita kemm f’livell oggettiv u dak soggettiv.

Maghdud dan, it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti qed tintlaqa’ fis-sens illi l-attur ma jistax jagixxi bhala direttur kontra l-kumpanija li jirraprezenta izda l-attur qed jagixxi wkoll personalment cioe fil-vesti li azzjonist u ghalhekk proponibbli. Kwindi r-raba’ eccezzjoni li l-azzjonijist ma ghandux interess jipproponi l-azzjoni kontra s-socjeta

mhix valida peress li s-socjeta trid tkun parti fejn qed jigi allegat nuqqas fi hdana u d-decizjoni tal-Qorti tkun tista torbot lill-istess kumpanija li jkollha dritt tiddefendi ruhha fil-proceduri jekk jidhrilha. Ghall-istess raguni anki l-hames eccezzjoni ma’ tistax treggi billi ghalkemm it-talba taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 mhix mnizzla car izda dezumibbli mill-premessi u talbiet u l-Qorti ghandha l-jedd li tiddetermina n-natura tal-azzjoni mill-att promotur jekk dan hu car bizzejjed biex il-Qorti tista’ tenkapsula l-iter legali tal-azzjoni.

**L-ewwel eccezzjoni**

Il-konvenut jecepixxi li mart l-attur messa kienet parti in kawza pero ma jispecifikax taht liema artikolu u ghal liema raguni u l-Qorti ma ghandhiex hi tara ssibx sostenn taht xi artikolu ta’ ligi li lanqas hu dezumibbli mid-dicitura tal-eccezzjoni.

Ghalhekk qed tigi michuda.

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni**

Il-konvenut jecepixxi l-preskrizzjoni tas-sentejn taht l-artikolu 2153 u tal-hames snin taht l-artikolu 2156.

In kwantu ghal preskrizzjoni invokata taht l-artikolu 2156, il-konvenuti ma jispecifikawx taht liema wahda mis-sitwazzjonijiet elenkati f’dan l-artikolu japplika ghal kaz in ezami u billi l-eccezzjoni hi di natura maghmula b’mod generiku, din il-Qorti ma ghandhiex tfittex hi dak li jista’ jew ma jistax japplika ghal kaz in ezami.

In tema legali l-Qorti tosserva li huma applikabbli s-segwenti principji.

Il-Qorti ma tistax ex officio tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tkunx giet sollevata mill-parti. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha

(Vol. XXXIII P I p 481; **Joseph Grech vs Emmanuele Camilleri et**, App Kumm, 21/03/1977); gie wkoll ritenut li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid issir permezz ta' eccezzjoni formali u mhux mod iehor (**Stellini vs Stellini**, App 31/05/2013)

Ghalhekk fic-cirkostanzi qed tichad din l-eccezzjoni.

In kwantu ghal preskrizzjoni taht l-artikolu 2153 cioe azzjonijiet ghad-danni mhux naxxenti minn att kriminali huma preskribbli fi zmien sentejn, dan l-artikolu jitratta azzjonijiet ghal danni ex delicto mentri r-relazzjoni tal-konvenut qua direttur hi wahda ta’ mandatarju fil-konfront tal-kumpanija li tikkreja rapport fiducjarju mal-istess kumpanija naxxenti mill-ligi. Azzjonijiet kontra mandatarju jitnisslu ghalhekk minn relazzjoni kontrattwali.

Ghalhekk din il-preskrizzjoni invokata mhix applikabbli.

**Mertru**

Trattati n-natura tal-azzjoni u l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut, jrid jigi issa kkunsidrat il-mertu.

Sfortunatament inhela hafna sforz biex jingabru provi dwar in-negozju gestit bejn Busuttil u Chircop qabel ma saret il-kumpanija Continental Postform Limited. Din il-Qorti pero hi marbuta ma’ dak li gie mitlub fil-kawza. It-talba tirrigwarda nuqqasijiet fil-gestjoni tal-kumpanija Continental Postform mill-konvenut Busuttil. Kwindi dak li sehh u gie riportat, misjub jew inghad dwar ir-relazzjoni kummercjali bejn Chircop u Busuttil qabel ir-registrazzjoni tal-kumpanija ma ghandu ebda relevanza f’din l-azzjoni specifika.

Jekk wiehed jara l-atti, inkluz anki r-rapporti peritali teknici li gew diretti skond ir-rieda tal-attur minghajr oggezzjoni tal-konvenut, jidher li sar enfasi totali fuq id-dhul u cash variance bejn l-1987 sal-1992. Dan kollu sehh bejn l-1987 u l-1991 jista’ jkun ta’ relevanza bejn il-partijiet pero ma jsibu ebda relevanza f’din il-vertenza billi s-socjeta Continental Postform Limited giet registrata u bidet topera

fl-1992 u l-kawza hi marbuta esklussivament ma' din is-socjeta.

L-uniku hjiel dwar l-operat tal-kumpanija johrog mir-rapport tal-perit komputista mqabbad mill-Qorti, Kevin Mahoney, li f'zewg rapport kkonkluda li ma setghax jasal ghal ebda konkluzzjoni shiha billi ma kellux bizzejjed dokumentazzjoni fuqhiex jimxi nonostante diversi tentattiv biex jigu rintraccjati flimkien mill-istralcjarju tal-kumpanija. Pero mill-ewwel rapport tal-perit komputista mahdum fuq rapporti li saru minn Tony Cassar u Anthony Darmanin imqabbdin mill-partijiet biex jivverifikaw il-kontrijiet jirrizulta illi mid-dokumenti disponsibbli jidher li fl-1992 il-bejgh dikjarat fl-accounts kien ta' Lm326,172 mentri l-bejgh reali kellu jkun Lm365,699, cioe circa Lm30,000 aktar.

Kif intqal il-kawza hi maghmula bl-iskop li turi illi l-konvenut Busuttil kien qed jiehu ghalih flus appartenenti lil kumpanija b'detriment ghal kumpanija u l-azzjonisti. Din il-prova trid issir minn min jallega dan mhux bhala suppozizzjoni izda fatt ippruvat fuq bazi ta' probabilita.

Kif gia gie sottomess l-espert komputista ma setghax jasal ghal konkluzzjoni cara jekk din ic-cifra hix wahda certa jew ppruvata billi kien hemm diversi dokumenti li setghu jaccertaw l-istat attwali tal-finanzi tal-kumpanija fl-1992 li ma kienux disponibbli.

Pero anki jekk ghal mument jigi injorat din is-sottomissjoni ta' certa gravita maghmula mill-perit komputista, l-attur ma gab ebda prova tangibbli la bix-xiehda tieghu u anqas ta' impjegati bhal Joseph Sammut (fol. 243 tal-process) illi l-konvenut Busuttil fil-fatt kien qed jiehu ghalih flus tal-kumpaniji. Saret enfasi mill-attur illi l-management tal-kumpanija kien f'idejn Busuttil mentri Busuttil jixhed li l-flus li kienu jidhlu kienu jitpoggew f'envelopes u jittellghu ghand l-iskrivan. Ic-cheques kienu jigu ffirmati miz-zewg diretturi flimkien. Ma ngiebet ebda prova tanigbbli li l-konvenut Busuttil kellu materjalment flus tal-kumpanija f'idejh li ma baqghux fin-negozju tal-kumpanija. Hu minnu illi harsa lejn id-diskrepanzi relatati mis-snin qabel l-1992 fejn il-partijiet kienu jiggestixxu negozju flimkien juri bla

dubju ragonevoli illi dak li kien jigi dikjarat minn negozju ma kienx dak li fil-fatt dahal effettivament pero dawn il-prattici anomali ghalkemm attribwibbli ghal min kien imexxi n-negozju ma jfissirx li wiehed jista' jasal ghal individwazzjoni tal-persuna peress li ma ingibet ebda prova tangibbli dwar dan kontra l-konvenut. Is-suggeriment tal-attur li l-konvenut xtara diversi proprjetajiet fi zmien qasir mhix prova wahedha meta l-istess konvenut jidher li kellu negozji ohra tieghu. Ghalkemm hu minnu illi jidher li d-diskrepanzi jirrisalu mill-accounts tal-1987 pero d-dizgwid inbeda fl-1991 meta l-attur gie informat mill-accountant illi l-accounts ma kienux lesti u tqabbad Tony Cassar li sab diskrepanzi kbar, pero dan mhux bizzejjed ghax irid jintwera ness bejn in-nuqqasijiet u min kellu effettivament il-kontroll tal-finanzi tal-kumpanija li qatt ma rrizulta car mill-provi prodotti, tant li l-konvenut ukoll jallega illi l-attur kellu kontroll fuq id-dhul tal-kumpanija.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Chircop illi Busuttil kien izzom il-ledgers tal-kumpanija u illi mitlub jirritornhom qal li ma sabhomx. Mill-banda l-ohra l-impjegat Joseph Sammut qal li l-manuals kienu jinzammu l-ufficju tieghu u disponibbli ghal kullhadd mentri ma jafx dwar xi dokumenti ohra. Rigward filing, dan kien jinzamm mill-konvenut pero f'xi zmien l-ufficju tieghu kien jinzamm imsakkar.

Dawn il-provi ma jikkonducux lil Qorti sabiex tasal ghal konkluzzjoni bbazata fuq fatti ppruvati illi anki jekk ghal grazzja tal-argument jirrizulta diskrepanza fil-cash ezistenti tal-kumpanija (avolja dan l-ezercizzju mhux komplut billi d-dokumentazzjoni relevanti mhix kollha disponibbli) dan ma jwassalx ghal xi rabta mal-operat tal-konvenut. L-uniku prova li harget hi li l-management finanzjarju bejn il-kontendenti qabel u wara li giet registrata s-socjeta Continental Postform ma kinitx wahda limpida u certa pero dan ma jfissirx li suppozizzjonijiet u kongetturi wahedhom jistghu jatribwixxi responsabilta fil-konvenut.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici fil-mertu.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq esposti l-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut in kwantu l-attur kien proceduralment skorrett meta agixxa qua direttur f’din il-kawza, izda tichad l-eccezzjonijiet l-ohra preliminari tal-konvenuti senjatament dwar in-nuqqas ta’ integreta tal-gudizzju, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 2153 u 2156 tal-Kap. 16; l-improponibilita tal-azzjoni kif maghmula mill-attur personalment u n-nuqqas ta’ interess guridiku biex jipproponiha, pero tilqa’ l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici billi ma gewx sodisfacentement ippruvati. L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal tlieta minn hamsa mill-attur u tnejn minn hamsa mill-konvenuti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------